FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 17 TA' GUNJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR EDEL MARIE CAMILLERI
VS
FRANCIS MEJLAK

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Francis Mejlak bin Salvu u Marcella nee Vella, imwieled Ghawdex fit-18 ta' Marzu 1953 ghandu passaport numru 314321, karta tal-identita numru 23853M u joqghod W. Lasel Street, Mellieha, talli f'isem il-Kontrollur tad-Dwana u kemm tat-Taxxa fuq il-valur Mizjud talli f'dawn il-gzejjer nhar l-24 ta' Dicembru 1999, u/jew f'xi data qabel, mall-wasla tieghu f'Malta ma titjira tal-Airmalta KM101 minn Londra, bil-hsieb li jevadi id-dazju u/jew xorta ta' taxxa u cioe it-taxxa fuq il-valur mizjud dovut mill-Gvern ta' Malta jew biex jehles minn xi projbizzjoni jew limitazzjoni, xjentement, naqas jiddikjara lill-ufficjali tad-Dwana billi ghadda mill-green channel l-oggetti u cioe:

Rifle tal-marka Sturm Ruger mudell 10/22 carbine bin-numru tas-serje 238-34715, u munizzjoni cioe;

Kaxxa Winchester X 50 pcs full metal jacket
10 kaxxi Winchester x 50 wildcat 22 high velocity
6 kaxxi Winchester X 50 pcs 38 special full metal jacket
4 kaxxi Winchester X 50 pcs 38 special lead semi wad cutter
4 kaxxi UMC X 50 pcs 25 automatic

Liema oggetti gew maqbuda bis-seizure notice 920/99, ghandhom valur ta' Lm147.50 u dazju ta' Lm11.94,8 valur totali ta' Lm159.44,8 u li

fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm23.91,7 liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata.

Talli fl-istess zmien instab li kellu depositat jew mohbi ghandu arma tan-nar tal-marka Benelli semi automatic mudell 121SL80 (Monte Carlo) numru tas-serje 143370, li l-importazzjoni tieghu hija ipprojbita u/jew ristretta, ghandhom il-valur ta’ Lm60, u d-dazju dovut ta’ Lm4.86, valur totali ta’ Lm64.86, u li fuqu kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud liema taxxa tammonta ghal Lm9.72,0 liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata u dan bi ksur tal-artikoli 60(a),(b),(c),(e),(k), 62(a),(b),(c),(f),(g),(h),(I),(k) paragrafu (a) tal-proviso ta’ l-artikolu 62 ta’ l-Ordinanza tad-Dwana kap 37, u l-Avviz Legali numru 44/82 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artikolu 80 ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att nru XXIII ta’ l-1998)

Talli zamm fil-fond tieghu u cioe gewwa 48, W Lassell Street, Mellieha arma tan-nar tal-marka Benelli semi automatic mudell 121 SL 80 (Monte Carlo) numru tas-serje 14337, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija udan bi ksur tal-artikolu 3 tal-kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-6 ta’ Gunju 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 60 (a)(b)(c)(e)(k), Art 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(I)(k) tal-kap 37, Avviz Legali 44/82, Art 80 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' l-1998), Art 3 u 19 tal-kap 66 u Art 28A tal-kap 9 u tikkundannah ghal xahar prigunerija sospizi ghal sena.

In oltre tordna il-konfiska taz-zewg armi u munizzjon esebiti.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.